Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 264/2015

Il-Pulizja

Vs

Lisa Delia

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Liza Delia detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 551677M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-19 ta' Marzu, 2015 u fit-23 ta' Marzu, 2015 meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil David Buhagiar ghal uliehom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti **wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja u lliberatha bil-kudizzjoni li ma taghmil reat iehor fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Liza Delia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Mejju, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tannulla, thassar u

tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentament tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni mressqa fil-konfront taghha u minn kwalsiasi htija imputata lilha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Liza Delia huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravvju tal-esponenti huwa wiehed ta' natura procedurali;

Illi fil-fehma tal-esponenti dan l-aggravvju jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tipprovdi ragunijiet ghalfejn sabet lill-esponenti hatja tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront taghha u dan kollu bi ksur car tal-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta] li jipprovdi illi:

> "*Fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw <u>ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha</u> u ghandu jkun hemm fiha wkoll referenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet tal-attur ghall-eccezzjonijiet tal-konventut..*"

Illi jirrizulta li fil-mument li l-Ewwel Qorti, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2015, wara li semghet lill-partijiet u t-trattazzjoni orali, sabet lill-esponenti, l-Qorti ma pprovdiet l-ebda raguni ghalfejn sabet lill-esponenti hatja tal-akkuza migjub fil-konfront taghha, u dan kif jirrizulta minn kopja tas-sentenza a tempo vergine hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'A';

Illi kienet x'kienet ir-raguni li ghaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet sabiex sabet htija u konsegwentement ikkundannat lill-esponenti kellha tkun maghrufa u dan anke fi-ambitu tal-massima u kif ukoll ta' diversi sentenzi dwar il-punt li l-gustizzia mhux biss trid issir izda ghandha tidher li qieghda ssir, u allura fi kliem iehor sabiex issir gustizzja trid tidher li qeghda ssir;

Illi dan kollu jwassal ghal sitwazzjoni fejn hemm ksur lampanti tal-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta] u

percio' huwa wkoll manifestament car li jezistu l-estremi biex tali sentenza appellata tigi ddikjarata bhala irrita u nulla;

Illi apparti mill-irritwalita' u n-nullita' tas-sentenza appellata, kif fuq spjegat, l-esponenti qeghda f'sitwazzjoni ta' diffikulta' fir-rigward tal-bazi fuq x'hiex ghandha tappella u dan proprju ghaliex l-esponenti appellanti tinsab sprovvista minn sentenza li effettivament tispjega r-ragunijet ghalfejn instabet il-htija;

Illi dwar l-irritwalita' u nullita' ta' decizjoni moghtija minghajr raguni u bi ksur tal-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta], fil-kawza fl-ismijiet Liza Delia vs Ir-Registratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali et [deciza mill-Qorti tal-Appell, fl-4 ta' Mejju 2015] jinghad b'mod car is-segwenti:

> *12. Jista' jizdied ukoll li fid-decizjoni appellata tal-ewwel Qorti, fi kwalunkwe kaz, ma hemm xejn li jindika x'kien il-fatt li jammonta ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha u li tieghu dik li-Qorti kienet qed issib lill-appellanti hatja. Dan igib bhala konsegwenza li l-ewwel Qorti naqset milli tosserva wiehed mir-rekwiziti tas-sentenza kontemplota fl-Artikoiu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li jipprevedi li fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet lifuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha. (Ara App "Wara r-rikors tal-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dr. Silvio Camilleri fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Said", 17/6/1987).*
>
> ....
>
> *14. Tenut kont li n-nuqqasijiet fid-decizjoni appellata ravvizati fil-premess huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk sollevabbli ex uffici u jwasslu ghall-irritwalita' u nullita' tad-decizjoni appellata ma hemmx htiega li din il-Qorti tindirizza s-sottomissjonijiet l-ohra tal-appellanti u tal-appellati.*
>
> *Ghal dawn il-mottivbi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tiddikjara d-decizjoni appellata irrita u nulla.*

Illi jigi rilevat li ghalkemm il-mertu tal-kawza fuq citata hija xi ftit differenti, s-sustanza tal-konsiderazzjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hija l-istess fis-sens illi n-nuqqas minn naha tal-Ewwel Qorti li tindika r-ragunijiet li fuqhom hija kienet ibbazat id-decizjoni taghha, proprju kif gara t'dan il-kaz, tirrizulta fl-irritwalita' u n-nullita;

Illi wkoll fis-sentenza fi-ismijiet Charles Cortis vs Francis Aquilina [deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili] fil-25 ta' Settembru 2003 gie ritenut illi:

> *"M'huwiex ghalxejn li l-ligi tipprovdi li s-sentenza ghandha tkun motivata u li jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-decizjoni taghha. Huwa minhabba dawk ir-ragunijiet li wiehed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawza kif fil-fatt qatghetha."*

Illi dan kollu hawn fuq spjegat huwa fil-fatt ikkumplimentat b'dak li kien gie precedentement ikkonsidrat f'sentenza ohra tal-Qrati taghna u cioe' fil-kawza fl-ismijiet Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa [deciza mill-Qorti tal-Appell Civili (lnferjuri) fit-28 t' April 2004] fejn inghad is-segwenti;

> *"Dak li maggorment jitqies vitali hu li s-sentenza tkun verament investiet il meritu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzjonzjiet ghalihom. Mhux bizzeiled allura li tintuza fil-parti disposittiva l-espressjoni generika tac-cahda tat-talbiet jew tal-eccezzjoniliet ghax din certament ma tissodisfax fl-aspett kollu tieghu il-vot tal-ligi fl-Artikolu 218."*

Kif ukoll li:.

> *'..il-motivazzjoni hi ta' essenza tal-gudizzju u ma jistax jinghad allura illi jkun qed jidher li ssir gustizzja mal-partijiet jekk dawn ma jinghatawx is-sodisfazzion minimu tar-ruguni li tkun wasslet lill-gudikant ghad-decizjoni tieghu. Dan jghodd ghat-tribunali kollha, gudizzjarji, kwazi gudizzjarji jew amministrattivi"*

U li:

> *'Il-process kellu jiggarantixxi mhux biss smiegh xieraq lill-partijiet izda wkoll li dawn ikunu jafu r-raguni ghaliex it-talbiet u/jew l-eccezzjonijiet ikunu qed jigu milqugha*

*few michuda. Dan hu bil-wisq fondamentali fid-determinazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi civili tal-individwi u allura tal-harsien kostituzzjonali u konvenzjonali taghhom. Proprju "d-difett li jippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq" precizat fl-Artikolu 790 tal-Kap 12 huwa intiz mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Ghal dan ukoll hu imprexxindibilment mehtieg illi s-sentenza tissodisfa l-element ta' motivazzjoni bazika illi-appellant kellu dritt ghaliha fid-decizjoni. Decizjoni li kellha tikkontjeni b'necessita' ritwali konstatazzjonzjiet u dikjarazzjonzjiet dwar "i punti formali e principali dell'azione e dell'eccezione'".*

Illi dan kollu hawn fuq spjegat jikkonferma li huma l-Qrati kollha fid-diversi gurisdizzjonijiet taghhom (nkluz ghaldaqstant il-Qorti li tat is-Sentenza appellata odjerna) li hija marbuta li ssegwi l-principju daqstant baziku li tipprovdi u tispjega r-ragunijiet li jkunu wassluwha ghas-sentenza moghtija minnha;

Illi dan l-obbligu ghandu ovvjament jitqies li jiskatta mill-mument li l-Qorti tkun ippronunzjat ruhha u certament ir-ragunijiet u l-motivazzjonijiet ghandhom jinghataw fil-mument li l-Qorti tippronunzja ruhha u taghti d-decizjoni, u m'ghandhiex titqies bhala skuza valida l-fatt li s-sentenza ma' tkunx ghada giet redatta b'mod tipografiku;

Illi percio r-ragunijiet ghandhom jinghataw fil-mument li l-Qorti tippronunzja ruhha u jakkumpanjaw id-decizjoni, xi haga li fis-sentenza appellata jidher li ma sarx;

Illi dan anki biex jigi evitat kwalsiasi suspett li jista' altrimenti jitnissel illi s-sentenza appellata tkun giet ifformulata u sostanzjata wara li tkun ittiehdet konjizzjoni ta' dak illi l-appell intavolat ikun elenka bhala aggravji (biex wiehed jaghmilha cara, mhux qed jinghad illi dan hu dak li fil-fatt qed jigri izda ovvjament, jekk sentenza appellata tigi formalment miktuba u tigi a disposizzjoni tal-appellant wara li huwa jkun intavola l-appell tieghu, dan is-suspett xi ftit jew wisq, jitnissel);

Illi dan maghdud anke mal-fatt li t-terminu entro liema l-appell irid jigi ntavolat huwa relattivament wiehed qasir u pervcio s-sentenza kif redatta b'mod tipografiku ghandha tkun a disposizzjoni tal-appellant mill-ewwel;

Illi ghalhekk ghandu jitqies li dan l-aggravju hu tassew gustifikat u li b'hekk is-sentenza appellata ghandha tigi dikjarata li hi tassew irrita u nulla ladarba fil-mument li nghatat is-sentenza (u effettivament sakemm gie ntavolat dan l-appell), l-esponent kien sprovvist minn sentenza formali u mir-ragunljiet li setghu verament immotivaw id-decizjoni appellata.

Illi assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent sejjer xorta wahda jispjega f'aktar dettal il-kumplament ta' l-aggravji mressqin minnu.

It-Tieni Aggravvju

Illi strettament minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravvju t-tieni aggravju tal-esponenti huwa konness ma' dak li fil-fehma tal-esponenti kien ekwivaienti ghal apprezzament hazing mill-Ewwel Qorti tal-fatti li tressqu a konjizzjoni taghha;

Illi originarjament l-akkuza fil-konfront tal-esponenti kienet illi rrifjutat li taghti access lill-Parte Civile ghal uliedhom, mentri fil-verita' rrizulta b'mod car li fil-fatt kien l-istess Parte Civile li naqas milli jmur sabiex jezercita l-aceess tieghu;

Illi nonostante l-fatt li hemm Inkjesta Magisterjali dwar l-atteggjament tal-Parte Civile minhabba l-fat li jara films pornografici quddiem il-minuri, u sahansitra jiehu lill-minuri go stabbilimenti tax-xorb u jaghtiha x'tixrob, l-esponenti qatt u bl-ebda mod ma cahdet lill-Parte Civile milli jara lill-bintu wara li l-Parte Civile, ossia missier il-minuri ghazel huwa stess li ma jigborx lili-minuri miII-M.U.S.E.U.M, li l-minuri jkollha laqghat kull nhar ta' Tnejn u Hamis bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar (5.00pm) u s-sitta ta' wara nofsinhar (6.00pm), u seta' facilment jezercita l-access ghall-minuri bejn is-sitta ta' wara nofsinhar (6.00pm) u t-tmienja ta' filghaxija (8.oopm) in linja mad-Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tai-Famiija) tant li l-Parte Civile xehed u accetta li kopja tal-Karta tal-Identita' tieghu kienet giet depozitata mal-M.U.S.E.U.M. halli jkun jista' jigbor lill-minuri;

Illi kien proprju l-Parte Civile li ma ezercitax id-dritt ta' access tieghu u b'mod mill-aktar tipiku ghamel rapport gewwa l-ghassa tal-Pulizija li kienet l-esponenti li cahditu mill-access u li fuq tali rapport instabet hatja;

Illi dwar dan kollu xehdet dwaru l-esponenti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, izda ghal xi raguni jew ohra (ful-verita' fis-sentenza m'hemmx motivazzjoni u raguni) il-Qorti emmnet it-tezi tal-Parte Civile u sabet htija fl-esponenti;

Illi kien proprju l-Parte Civile li ma ezeraitax id-dritt ta' access tieghu u b'mod mill-aktar pikuz ghamel rapport gewwa l-ghassa tal-Pulizija li kienet l-esponenti li cahditu mill-access u li fuq tali rapport instabet hatja;

Illi dwar dan kollu xehdet dwaru l-esponenti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, izda ghal xi raguni jew ohra (fil-verita' fis-sentenza m'hemmx motivazzjoni u raguni) il-Qorti emmnet it-tezi tal-Parte Civile u sabet htija fl-esponenti;

Illi minkejja n-nuqqas ta' provi konkreti li jmorru lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni l-ewwel Qorti ghazlet li ssib lill-esponenti hatja. minkejja n-nuqqas ta' provi konkreti li jmorru lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni l-ewwel Qorti ghazlet li ssib lill-esponenti hatja.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti tintenta timpunja d-decizjoni appellata fuq zewg binarja, bl-ewwel aggravvju jolqot il-validita tas-sentenza ghaliex nieqsa mill-motivazzjonijiet u fit-tieni lok tattakka l-apprezzament hazin maghmul mill-Ewwel Qorti tal-fatti li ingiebu a konjizzjoni taghha. Dan ghaliex fil-fehma ta'l-appellanti kien hemm dik ir-raguni xierqa li jitkellem dwaru l-artikolu 338(ll) tal-Kap. 9 li wassal ghan-non osservanza minn naha taghha tal-ordni tal-qorti.

Illi fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2016, l-appellanti, tramite id-difensur taghha, iddikjarat illi ma kenitx qed tinsisti fuq pronunzjament minn din il-Qorti dwar l-ewwel aggravvju minnha intentat u allura din il-Qorti tifhem illi hija, b'dik id-dikjarazzjoni, kienet qed tirtira l-istess.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi minnufih biex tqies it-tieni aggravvju marbut mal-apprezzament tal-provi. Issa gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi

jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja. Issa f'dan il-kaz l-appellanti tishaq illi kienet tezisti dik il-kawza xierqa u gusta li wasslitha sabiex ma tosservax id-digriet tal-Qorti fil-granet indikati fl-akkuza tad-19 u it-23 ta' Marzu 2015 billi hi b'mod generali qatt ma cahhdet lil missier il-minuri l-access kif ordnat. Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma l-verzjonijiet ta' dawn iz-zewg genituri.

Illi b'digriet tal-Qorti tal-Familja tal-24 ta' Novembru 2014 David Buhagiar missier il-minuri kien gie moghti l-access ghal bintu kull nhar ta' Tnejn u Hamis bejn l-16:45 u 20:00. L-appellanti tishaq illi fit-13 ta Frar 2015 hija marret tghix gewwa id-Dar Merhba Bik u kienet infurmat lill-appellanti ghaldaqstant. Huwa ghalhekk kellu jibda jigbor lil minuri minn din ir-residenza u mhux aktar mir-residenza taghha. Inoltre il-minuri kienet tattendi ghal-lezzjonijiet tad-duttrina kull nhar ta' Tnejn u il-Hamis bejn 4:45pm u 5:45 pm u allura f'dawn il-granet il-missier kien awtorizzat jigbor it-tifla mill-Muzew u anke kienet halliet kopja tal-karta tal-identita tieghu mas-superjur. Kwindi Buhagiar u cioe' il-kwerelant, fil-fehma taghha, kien jaf illi kellu jigbor il-minuri jew minn Dar Merhba Bik jew mill-Muzew u dan ghalkemm id-digriet kien jistipula illi il-minuri kellha tingabar mir-residenza taghha. Tghid ukoll illi tfiet it-telefon cellulari taghha u ma bdietx twiegeb ghat-telefonati. Aktar 'il quddiem fix-xhieda taghha tghid illi ma haditx it-tifla id-dar taghha biex tingabar minn hemm mill-missier ghax kienet qed tibza' minnu.

Illi l-missier David Buhagiar ighid illi huwa sahansitra ipprova jaghmel kuntatt telefoniku mal-appellanti izda din ma bdietx twiegbu. Dan gie ikkonfermat ukoll mill-ufficjal tal-pulizija li mieghu sar r-rapport li jikkonferma fl-affidavit tieghu illi huwa ipprova jaghmel kuntatt ma'l-appellanti permezz tat-telefon ghal diversi drabi izda ma irnexxielux jaqbadha. Inoltre anke mar ihabbat fir-residenza ta'l-appellanti fl-indirizz, Class Court Blck A, Flt5, Triq Danny Cremona il-Hamrun, izda ma fetahlu hadd.

Illi ibda biex jigi osservat illi "*l-paragrafu (ll) in dizamina ma jitkellimx dwar in-nuqqas ta' osservanza ta' xi kundizzjoni f'digriet ta' access; dak li hu penalizzat b'din id-*

*disposizzjoni huwa biss in-nuqqas, minghajr raguni xierqa, li wiehed jaghti access meta, fost sitwazzjonijiet ohra, jkun gie ordnat li jaghti dak l-access[1].”*

Illi s-sentenza mogħtija fil- 25 ta' Lulju 1994 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija v. Carmen Tabone Reale kkwotat il-każ Kanadiż R. v. Arthurs, ex p. Port Arthur Shipbuilding Co (1967) fejn intqal *“'Just cause' does not mean the same as 'proper cause', 'proper' meaning only 'fit, apt, suitable' whereas 'just' has a wider meaning involving equitable considerations” … Għalhekk biex tara jekk kienx hemm raġuni xierqa, u speċjalment fil-kamp kriminali, il-Qorti trid twieżen l-interessi kollha ...”*.

Ukoll *“l-paragrafu (ll) in dizamina jimporta element ta' positive obligation da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Fi kliem iehor, ma hux bizzejjed li dak li jkun ma jfixkilx l-access tal-parti l-ohra (fil-kaz in dizamina, tar-ragel) izda hemm ukoll l-obbligu li l-parti li jkollha l-kura u l-kustodja “taghti access”, espressjoni li timplika, fil-kazijiet kongruwi, li min ikollu l-kura u l-kustodja ghandu fizikament jikkonsenja il-wild lill-parti l-ohra.*

*Jizdied jinghad li kieku din il-Qorti ma kellhiex tinsisti fuq l-osservanza skrupoluza tal-ordni tal-qorti civili kompetenti, ikun ferm facli ghal min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri li taht l-icken pretest jevita l-obbligu tieghu li “jaghti access”;* [2]

Spjanati ghalhekk dawn l-elementi ta' dritt marbuta mal-kontravvenzjoni in dizamina, ghandu johrog illi mix-xhieda taghha, l-appellanti tinsisti illi hija ma fixxklitx lill-missier bintha milli jezercita id-dritt tieghu ghall-access, izda bl-ebda mod ma tghid illi hija ghamlet att pozittiv sabiex taghti dak l-access lill-kwerelanti hekk kif ordnata mill-Qorti u skont il-kundizzjonijiet hemmhekk specifikati. Di piu l-appellanti kienet konfuzjonarja fix-xhieda taghha u bdiet tipprova tohloq diversi cirkostanzi li setghu jiggustifikawha ghan-nuqqas taghha fejn l-ewwel tishaq illi kienet marret tabita Dar Merhba Bik u ghalhekk ftiehmet ma' missier it-tifla li kellha tingabar minn din ir-residenza, imbaghad tghid illi fil-granet ta'l-access it-tifla tattendi il-lezzjonijiet tad-duttrina u ghalhekk il-missier bi ftehim maghha kellu

[1] Il-Pulizija vs Etienne Mizzi App.Inf. 04/04/2003

[2] Il-Pulizija v. Natasha Theuma mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Gunju 2007

jigborha minn hemm, imbaghad fl-ahhar tghid illi hija ma setatx tiehu lit-tifla fid-dar fejn kienet tabita mall-minuri u li skond id-digriet kellha tingabar minn hemm, ghax bdiet tibza mill-kwerelanti u anke qatghet it-telefon cellulari u ma bdietx twiegeb ghat-telefonati. Illi din il-Qorti tqies illi dawn huma kollha skuzi da parti ta'l-appellanti sabiex tipprova tahrab mid-dmir taghha li taghti access lil missier it-tifla taghha ghal binthom. Mhux bizzejjed ghall-appellanti, kif tghallem il-gurisprudenza, li ma tfixkilx lill-kwerelanti mid-dritt tieghu ta'l-access, izda hija obbligata bid-digriet tal-Qorti li taghtih dak l-access u dan skont il-kundizzjonijiet indikati fl-istess digriet. Jekk hi kienet fl-impossibilita li tosserva dawk il-kundizzjonijiet kellha tadixxi lill-qorti kompetenti ghal varjazzjoni ta'l-istess. Nuqqas allura li tosserva dak ordnat jammonta ghall-agir kontravvenzjonali li jitkellem dwaru l-artikolu 338(ll). Kwindi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mid-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata. It-terminu ta' tlett xhur indikat fis-sentenza appellata marbut mal-perijodu ta' liberta' kondizzjonata ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur